**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

Illum, 14 ta' Lulju 2025

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**Vs**

**Tommaso Palmieri**
**(Passaport Taljan bin-numru YB1711697)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Tommaso Palmieri,** ta' 59 sena, iben Angelo u Maria nee Taravelli, imwieled nhar is-06 ta' Novembru 1965 ġewwa Ruma, Italja, bla indirizz fiss ġewwa Malta, detentur tal-passaport Taljan bin-numru YB1711697 u akkużat talli nhar it-13 ta' Lulju 2025 għal-ħabta ta' 11:00hrs ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Luqa, Malta:

1. Doložament xerred aħbarijiet foloz illi x'aktarx jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon-ordni pubbliku jew il-paċi pubblika inkella illi jġibu aġitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet tal-pubbliku, liema tixrid ta' aħbar falza irriżultat u/jew ikkontribwixxiet għall-diżordni ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u/jew f'inħawi oħra f'dawn il-gżejjer.

2. Talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, għamel dikjarazzjoni li kien jaf li kienet sostanzjalment falza, jew bi traskuraġni għamel dikjararazzjoni li kienet sostanzjalment falza meta mistoqsi minn uffiċjal awtorizzat fuq xi valiġġi, tagħbija jew ħażniet (sew jekk dawn ikunu tiegħu sew ta' xi persuna oħra) li kienu jew kienu maħsuba li jinġarru minn ajruplan li jkun reġistrat jew jitħaddem f'Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat kien qiegħed ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabiex imur lura lejn Ruma, l-Italja wara btala f' Malta meta uffiċjal inkarigata mill-valiġġi staqsietu jekk kienx ħallas għall-valiġġa li kellu. Meta huwa qalilha li ma' kienx ħallas talbitu l-ħlas ta' €60. L-akkużat kien iffastidjat b' dan il-prezz peress illi f' Ruma huwa kien ħallas €42 għal din l-istess valiġġa. Irriżulta ukoll li l-uffiċċjal staqsietu kellu apparat elettroniku fil-pussess tiegħu u skont hi, hu qalilha "there is a bomb". Immedjatament hija infurmat lis-superjuri tagħha b' dan. L-akkużat sostna li hu kien qalilha "Do you

think there is a bomb?" Irriżulta ukoll li ma' kien hemm l-ebda allarm u l-ebda evakwazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, u abbażi tal-fatt li l-Qorti m'għandiex raġuni għalfejn tiddubita mill-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li l-akkużat għandu Fedina Penali nadifa u din hija l-ewwel darba li huwa xellef difrejħ mal-liġi. Jirriżulta wkoll li dan il-kliem intqal b' mod sarkastiku u bl-ebda intenzjoni malizjuża. Huwa kien biss irrabjat u kien qed ikun sarkastiku. Fil-fatt l-akkużat iddispjaċih ħafna għal l-inkwiet li qajjem u kkowopera bis-sħiħ mal-pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-piena m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 284, 338(g) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġiijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Tommaso Palmieri <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberaħ bil-kondizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien <u>sentejn</u> mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li huwa jifhem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom ikun instab ħati.

Peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħarnett il-Qorti tirrakomanda li l-awtoritajjiet konċernati għandhom ikunu aktar kawti meta affaċċati b'sitwazzjonijiet simili fejn huwa evidenti li bagalja ta' persuna fil-*gate* tkun diġà ġiet skennjata u għaddiet mis-sigurtà tal-ajruport.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**